MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru. 439/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**

**versus**

**Roberto Pirrone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra Roberto Pirrone ta’ 22 sena bin Gilio u Anna Maria Busuttil, imwieled fil-15 ta’ Jannar 1980 ġewwa Attard u residenti ġewwa Norfolk Flats Flat 16 Triq il-Kappella Tal-Lunzjata Salina, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 92780(M).

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-21 ta’ Mejju 2002 kif ukoll fis-sitt xhur ta’ qabel ġewwa s-Salina u bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-31 ta' Lulju 2002; il-fedina penali nadifa ta' Roberto Pirrone (fol 3); iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 927 tas-sena 1980 (fol 4); l-istqarrija magħmula fil-kwartieri generali tal-pulizija nhar it-23 ta' Mejju 2002 (fol 5 u 6); il-proces verbal taħt id-direzzjoni tal-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera, intitolat 'Fl-atti ta' l-inkjesta dwar sejba ta' droga cannabis ġewwa Norfolk Flats, Flat 16, Triq il-Kappella tal-Lunzjata Salina nhar il-21 ta' Mejju 2002'; kif wkoll l-istqarrijiet li saru in konnessjoni ma' l-istess fatti fosthom dik ta' Roberto Pirrone li tinsab a fol 30 tal-proċess; ir-rapport imħejji minn PS 36 Sergio Azzopardi u PS 173 Brian Mangion a fol 48 et tal-process; ir-rapport ta' l-ispizjar Mario Mifsud a fol 64 et kif wkoll il-verbal li din il-Qorti halliet il-kawza għas-sentenza (fol 84), verbal tas-16 ta' Gunju 2008.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikonsidrat

Skond l-Ispettur Nezren Grixti, il-pulizija kienet marret fi Flat 16, Norfolk Flats, Triq il-Kappella tal-Lunzjata Salina fil-21 ta’ Mejju 2002. Kienet daħlet fil-fond u sabet lil Roberto Pirrone mal-mama tiegħu ċertu Anne Busuttil. Fil-pussess ta’ l-imputat u ta’ huh instabu diversi affarijiet fosthom bejn wieħed u ieħor blokka u nofs allegatament raża tal-cannabis, żewġ mwieżen elettroniċi, tliet pipi, notebooks, miżien ieħor mawali, siringi uzati, foil mahruq, sachet vojt kif wkoll haversack bil-kliem Dr Martin’s fuqu. Roberto Pirrone kien qal li hu kellu l-vizzju tad-droga eroina.

Il-Maġistrat Dr Scerri Herrera kienet għamlet inkjesta u l-imputat Roberto Pirrone kien ttieħed il-kwartieri tal-pulizija fejn għamel stqarrija dwar l-affarijiet li nstabu għandu.

**L-istqarrija ta’ l-imputat**

Minn din jirrizulta li l-affarijiet li sabu l-pulizija ma kienux ta’ l-imputat imma kienu ta’ terza persuna li wara li nqabad fi Frar tas-sena 2002 mill-pulizija, malli kien mitluq mill-pulizija kien ċempel lil Roberto Pirrone l-imputat fuq il-mobile, kien talbu biex jinżlu għalih il-Belt Valletta u jibqgħu telgħin bih ġewwa Buġibba.

Dan l-imputat Robert Pirrone baqa’ fil-karozza ta’ ommu fejn iktar tard niżel ħuh Mariano bil-basket iswed f’idu. Dan kien l-istess basket li l-pulizija kienet sabet ġewwa r-residenza ta’ omm l-imputat fil-21 ta’ Mejju 2002.

L-imputat qal li hu u huh kienu qed iżommu dan il-basket bi pjacir iżda it-tielet persuna kienet tnaqqsilhom mill-ammont ta’ flus li l-imputat u ħuh riedu jagħtu lill-istess persuna. Il-flus kienu dejn għall-bejgħ tad-droga li kienu jixtru mingħandu. Huma kien bagħalhom jagħtuh xi LM65 mill-LM117 li kellhom jagħtu fil-bidu. Fil-fatt hekk jidher fin-notebook li kien fil-basket iswed misjub mill-pulizija.

L-imputat qal li kienu xtraw diversi drabi cannabis resin kif wkoll eroina mingħand it-terza persuna. Huwa qal li ftit qabel jum San Valentinu tas-sena 2002 li l-aħħar li kienu xtraw id-droga mingħand it-terza persuna. Huwa qal li kull darba kien jixtri l-heroine mingħand din it-terza persuna u kien ihallas LM10 għal kull pakkett.

It-terza persuna kienet iċċempel għall-basket iżda qatt ma kien mar għalih. Hu l-imputat kien ġabu minn ġewwa l-għalqa li hemm viċin il-post ta' ommu biex meta jrid tkun tista tigi għalih din it-terza persuna.

Iżda din it-terza persuna qatt ma waslet u kemm l-imputat kif wkoll ħuh bdew jagħmlu uzu mid-droga u cioe is-sapuna u nofs li sabu l-pulizija ġewwa d-dar ta' ommhom. Dawn kienu jagħmlu għall-użu personali tagħhom. Xi ġimgħa qabel kien pejjep il-cannabis resin u dan kien għamlu fil-coast road huwa u nieżel għad-dar. Huwa kien jaf illi dan it-tielet persuna kienet tbiegħ kemm smoke u heroine għaliex kemm l-imputat u kif wkoll ħuh kienu jixtru mingħandu.

L-imputat qal li l-aħħar li ha l-eroina kien ħadha d-dar ta' ommu stess waħdu u kien xtraha mingħand wieħed Għarbi (fol 6).

Xehed ukoll l-Ispiżjar Mario Mifsud li kien maħtur espert matul l-inkjesta u li kkonferma li l-kontentu ta' l-esibit kien hemm fid-dokumenti 02 BHR 202A u 202C u fil-blokki ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokumenti 02 BHR 202D u 202E kien Tetrahydocannabinol u li l-ammont totali kien ta' 332.016 grammi. (fol.69).

**Difiża**

Xehed ukoll Roberto Pirrone li kkonferma li kemm hu u kemm ħuh kienu jużaw il-cannabis (li kien hemm fil-basket li kienet ġabet it-tielet persuna). It-tnejn kienu ma jaħdmux u għaddew minn ċerti problemi familjari. Huwa kkonferma wkoll li kien imur id-Detox u l-pitazz misjub kien tat-terza persuna u hemm isem ħuh Mariano għaliex it-

tnejn kienu jieħdu d-droga bid-dejn. It-terza persuna kienet tniżżel isimhom bl-ammonti li kellhom jagħtu.

L-imputat ikkonferma li t-terza persuna kienet qaltilhom biex iżommu l-basket bl-affarijiet minħabba li din it-terza persuna kienet inġabret mill-Ispettur Nezrin Grixti. Din il-persuna kienet qed tibża' li jekk jerġa' jinqabad jinstab il-baskett u għalhekk din it-terza persuna kienet qed tagħmel pressjoni biex iżommuhulu.

Għal xi mistoqsijiet tal-Prosekuzzjoni, l-imputat wieġeb li t-terza persuan ġieli marret u ħadet xi affarijiet mill-baskett. (Ara fol.77). Ix-xhud baqa' jinsisti li dak li kienu jieħdu kien għalihom biss.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

### Dwar l-ewwel imputazzjoni

Il-Qorti rat ir-riżultati forensiċi li ma jħallu ebda dubju dwar (a) l-ammont tad-droga misjuba (332.016 grammi); (b) li din kienet Cannabis.

Il-pussess tad-droga ma jfissirx li int tkun il-propjeta' tagħha iżda huwa biżżejjed li jkollok xi forma ta' kontroll fuqha. Għalhekk l-imputat kellu l-pussess tad-droga minkejja li din kienet ta' ħadd ieħor.

Mill-istqarrija u x-xhieda ta' l-imputat jirriżulta li huwa (u ħuh) kienu qed iżommu l-baskett bid-droga u bl-affarijiet relatati mad-droga biex jagħmlu pjaċir lil terza persuna li għal dan is-servizz kienet tnaqqas mid-dejn li kellhom miegħu taglli kien jagħtihom id-droga.

M'hemmx dubju li l-imputat kien jaf li t-terza persuna kienet tbigħ id-droga għaliex xtara huwa stess (fol.6) diversi drabi u kien jaf ukoll li t-terza persuna tispaċċja d-droga.. Barra dan l-ammont li nstab fil-baskett kien wieħed konsiderevoli.

Għalkemm m'hemmx prova li l-imputat kellu din id-droga biex ibiegħha hu, iżda hu kien jaf tajjeb li sid id-droga kien qed jużaha għal skopijiet ta' spaċċjar. Xejn ma jgħodd li l-imputat kien qed jagħmel pjaċir lil din it-terza persuna biex dan ta l-aħħar inaqqaslu mid-dejn. Dak kien il-mottiv. Biż-żamma tal-baskett l-imputat kien qed jagħmel l-attivita' ta' l-ispaċċjar tad-droga mit-terza persuna possibbli ġaladarba t-terza persuna kienet qed tuża l-kenn li offra hu sabiex tkompli bl-attivita' tagħha.

Il-Qorti eżaminat jekk l-imputat sarx kompliċi ai fini ta' l-artikolu 42(d) tal-Kap 9. Fl-atti tar-rikors fl-ismijiet 'Carmel u Helen konjuġi Galea versus Kummissarju tal-Pulizija' (19 t'Awissu 2004) il-Qorti Kriminali preseduta mill-Prim Imħallef S.T.O. Vincent Degaetano kienet qalet hekk:

**'Biex wieħed jitkellem f'kompliċita' f'reat irid ikun hemm mhux biss prova tal-parteċipazzjoni materjali iżda tal-parteċipazzjoni morali ossia tad-determinazzjoni kriminuża komuni għall-parteċipanti kollha: fi kliem ieħor prova li l-moħħ ta' kull wieħed mill-parteċipanti kien dirett għall-kummissjoni ta' l-istess reat.'**

Il-Qorti ssib li din l-intenzjoni hija mankanti.

Din il-Qorti mhix qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni kif redatta iżda minflok qed issibu ħati ta' pussess ta' ammont serju tal-cannabis, liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni kif redatta.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Dwar it-tieni imputazzjoni din hija ippruvata ex-admissis fl-istqarrija ta' l-imputat stess.

Għaldaqstant il-Qorti qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat, it-Taqsimijet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 29 (ara fol.14) tal-Kap 101, kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat

mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih kif dedotta iżda minflok qed issibu ħati ta' pussess serju tal-cannabis, liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni. Qed issibu wkoll ħati tat-tieni imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat għandu fedina penali nadifa iżda wkoll li ndaħal għal inkarigu li qatt ma jmissu ndaħal għalih. Għalhekk qed tikkundannah iħallas multa ta' €1400 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jkunux imħallsa.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex l-inkjesta saret qabel is-a ta' Jannar tas-sena 2006.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------